MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2004

Avviz Numru. 225/2001/1

**Enemalta Corporation**

**Vs**

**Carmel Pace**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tal-Korporazzjoni attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' tlett mija u sitta u erbghin Lira Maltin u ghoxrin centezmu (Lm346.26) rapprezentanti danni sofferti mill-mittenti vicin Rally Garage, Main Street, Mosta, fis-6 t'Ottubru 1998.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali sad-data ta' l-effettiv pagament kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tal-istess Korporazzjoni sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk

l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fil-25 ta' Ottubru 2004 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-Korporazzjoni attrici s-somma ta' Lm346.26,0 bl-imghax legali mit-22 ta’ Marzu 2001 sad-data tal-pagamaent effettiv u bl-ispejjes.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------